MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2009

Citazzjoni Numru. 325/2007

Kawza fil-lista: 32

**A B, u C B u D E**
**ghal kwalunkwe interess li jista' jkollhom**
**vs**
**G B u d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-atturi ppremettew u talbu hekk :

1. Illi fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Novembru tas-sena elf disgha mija u sitta u sebghin (1976) twieled ir-rikorrenti imsemmi A mir-relazzjoni extra-matrimonjali li r-rikorrenti C B kellha mar-rikorrenti l-iehor D E.

2. Illi fl-att tat-twelid tal-istess rikorrenti A B bin-numru mitejn u tnejn u ghoxrin tas-sena elf disa' mija u sebgha u sebghin (222/1977) (hawn anness u mmarkat Dok A) hemm imnizzel li missier it-tarbija huwa G B li dak iz-zmien kien ghadu r-ragel tar-rikorrenti C B.

3. Illi kif ser jirrizulta fit-trattazzjoni tal-kawza l-imsemmi A B huwa l-iben naturali ta' D E.

4. Illi wkoll qabel id-data ta' tali koncepiment l-attrici C B u l-intimat G B ma kienx qed ikollhom x' jaqsmu flimkien u l-imsemmija C B kien qed ikollha relazzjonijiet biss mar-rikorrenti l-iehor D E.

5. Illi inoltre permezz ta' sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili (hawn annessa u mmarkata Dok B datata erbgha u ghoxrin (24) ta' Settembru tas-sena elf disgha mija u hamsa u tmenin (1985) fl-ismijiet 'C B v. G' l-istess Onorabbli Qorti kienet laqghet it-talbiet attrici u fdat il-kura u kustodja tal-esponenti A B, dak iz-zmien minuri, f' idejn ommu C B wara li semghet lill-attrici u wara li rat ic-citazzjoni fejn kien gie premess li "l-attrici kellha relazzjoni ma' D E u minnhu kellha tarbija – A – li twieled fil-25 ta' Novembru, 1976 [….] li nonostante li kien jaf li mhux tieghu, il-konvenut fl-att tar-registrazzjoni iddikjarah bhala tieghu, [….] illi b' danakollu il-konvenut qatt ma kkunsidrah bhala u trattah bhala ibnu, anzi kien spiss jghajjar lill-attrici bih u anke sawwathom u mmaltrattahom".

6. Illi inoltre permezz ta' digriet numru elf mitejn u tmenin tas-sena elf disgha mija u tnejn u disghin (1280/1992) fuq rikors prezentat fis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili ta' Malta datata tletin (30) ta' Novembru, tas-sena elf disgha mija u tnejn u disghin (1992) (hawn anness u mmarkat Dok C) l-istess Onorabbli Qorti laqghet talba ghall-hrug ta' passaport gdid ghal A B minhabba r-ragunijiet hemmhekk moghtija, fost ohrajn li, "kif jidher mill-istess sentenza tal-Qorti fuq citata ghalkemm it-tifel A B jinsab registrat b' isem ir-ragel tal-esponenti G B, dan m' huwiex missieru u fil-fatt mis-sentenza msemmija l' hawn qatt aktar ma ha interess fih u qatt ma kellhom

relazzjonijiet ohra bejniethom. Lanqas ma thallas manteniment minhabba fih.”

7. Illi finalment ir-rikorrentiC B u l-intimat G B kienu resqu ghal u ffirmaw kuntratt ta’ separazzjoni personali permezz tal-kuntratt fl-atti tal-wiehed u ghoxrin (21) ta’ Gunju, elf disa’ mija u disghin (1990) tan-Nutar Alexander Joseph Sciberras Trigona.

Ghaldaqstant jghidu l-konvenuti il-ghaliex m’ ghandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni u/jew ordni ohra li jidhirilha xierqa:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-missier naturali ta’ A B huwa r-rikorrenti l-iehor D E u mhux l-intimat G B kif erronjament indikat fl-att ta’ registrazzjoni bin-numru mitejn u tnejn u ghoxrin tas-sena elf disa’ mija u sebgha u sebghin (222/1977).

2. Tordna li jsiru l-korrezzjonijiet kollha necessarji fl-istess att ta’ twelid surriferit sabiex dan ikun jirrifletti dak hawn fuq premess, fost ohrajn, billi d-dettalji ossia konnotati ta’ G B jigu sostitwiti bid-dettalji ossia konnotati tar-rikorrenti D E.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti illi huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li hi fis-sens li :

1. Illi preliminarjament fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors guramentat u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrenti ghandhom jispecifikaw d-dettalji personali kollha ta’ l-allegat missier naturali r-rikorrent l-iehor D E sabiex jekk it-talbiet attrici tar-rikorrenti jintlaqghu, dawn id-dettalji ikunu jistghu jigu inseriti fl-Att

tat-Twelid in kwistjoni flimkien mad-dettalji l-ohra. Inoltre, r-rikorrenti ghandhom jitolbu li jekk jintlaqghu t-talbiet attrici ghandhom jigu kancellati l-kliem “the said” minn taht il-kolonna li tispecifika d-dettalji ta’ l-omm it-tarbija.

3. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta’ l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

4. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas ta’ l-intimat li ghaldaqstant m’ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta’ l-istanti.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut G B li hi fis-sens li :

1. Illi l-intiamt jaqbel illi huwa m’ huwiex il-missier naturali ta’ A B u ghaldaqstant jaqbel illi ghandhom isiru l-korrezzjonijiet kollha necessarji fl-att tat-twelid de quo fis-sens illi jigu kancellati ismu u l-konnotati kollha tieghu fl-istess att tat-twelid relattivi ghal missier it-tarbija.

2. Illi huwa m’ ghandux ibati l-ispejjez ta’ dawn il-proceduri.

Rat ir-rapport[1] xjentifiku tad-DNA prezentat mill-Analista Christopher Farrugia, u debitament mahluf ;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati ;

Rat l-Avviz mahrug fil-Gazzetta tal-Gvern skond l-artikolu 254 tal-Kap.16 ;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

---

[1] Fol.41 *et seq.*

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-atturi qed jitlobu dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li l-attur A B li twieled fil-25 ta’ Novembru 1976 u registrat fuq l-att tat-twelid tieghu [numru 222/1977] bhala iben il-konvenut G B, huwa fil-fatt il-wild naturali ta’ l-attur l-iehor D E; u talbu ghalhekk il-konsegwenzjali korrezzjoni fl-istess att tat-twelid.

Minn naha tieghu l-konvenut G B jaccetta t-talbiet ta’ l-atturi.

**Il-Fatti**

Illi mill-provi jirrizulta li l-attrici C u l-konvenut G, konjugi B kienu esperjenzjaw problemi matrimonjali fiz-zwieg taghhom, bir-rizultat li matul iz-zwieg, fis-sena 1975, l-istess attrici kienet dahlet f’ relazzjoni extra matrimonjali ma’ l-attur D E ; u minn din ir-relazzjoni twieled l-attur A B fil-25 ta’ Novembru 1976. Gie dikjarat u ammess li, minn mindu l-attrici C B bdiet din ir-relazzjoni ma’ D E, hija kienet waqfet li jkollha x’ taqsam sesswalment ma’ G B, allura zewgha, u kien ikollha x’ taqsam sesswalment biss ma’ l-attur D E. B’ hekk hi ma ghandha ebda dubju li A B huwa l-wild naturali ta’ l-istess D E.

Illi din it-tezi ssib korroborazzjoni shiha fir-rapport xjentifiku tad-DNA li sar minn kampjuni mehuda minn fuq il-persuna tat-tlett atturi.

Dan premess u kkunsidrat, il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet ta’ l-atturi ; u tiddikjara li l-missier naturali ta’ l-attur A B li twieled fil-25 ta’ Novembru 1976 huwa l-attur D E, u mhux il-konvenut G B ; u konsegwentement tordna d-debiti korrezzjonijiet fl-imsemmi att tat-twelid fis-sens li l-isem ta’ G B u l-konnotati tieghu, jigu sostitwiti bl-isem u l-konnotati ta’ D E.

L-ispejjez jigu sopportati konguntivament bejn l-atturi C B u D E, fi kwoti wgwali bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------